**Laqgha Numru 14/K6/2008**

**Introduzzjoni**

Minuti ta’ l-Erbatax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2008 li saret nhar l-Erbgha 22 ta’ Ottubru 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-7.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava li wasal tard fis-7.35 pm, u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta’ qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fis-16 ta’ Ottubru 2008. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 13/K6/2008.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 13/K6/2008.**

**03. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta’ l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**10. Materji Ohra**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 13/K6/2008.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 13/K6/2008 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 13/K6/2008.

2.01. B’riferenza ghall-Minuti 13/K6/2008 item 6.52 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien talab sabiex il-parking lines li hemm biswit St. Michael’s School ghandhom

jergghu jinzebghu, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol ser isir fil-vaganzi li jmiss tat-tfal ta' l-iskola fi zmien il-Milied meta ma jkunx hemm problemi bil-karozzi.

2.02. Il-Kunsilliera prezenti qablu unanimament ma' din ir-rakkomandazzjoni.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2008 item 11.09 u 11.10 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li r-road hump li nserqet fi Triq il-Mediterran ghandha terga' ssir u din id-darba ssir bit-tarmak, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-granet li ghaddew diversi sewwieqa tal-karozzi tat-trasport avvicinawh u rringrazzjaw lill-Kunsill talli din ir-road hump kienet tnehhiet, ghalkemm din ma tnehhietx mill-Kunsill. Fid-dawl ta' dan kif ukoll fid-dawl li ebda resident m'oggezzjona li din ir-road hump kienet nieqsa, il-kelliem ippropona li kif svolgew l-affarijiet din m'ghandiex issir u ghalhekk ikun iffrankat li jitqatta tarmak gdid li maz-zmien issir hsara lit-triq bl-ilmijiet.

2.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.06. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2008 item 11.13 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill jixtri Diary Leather Jackets ghall-membri tal-Kunsill inkluz l-impjegati, li fuqhom ikun hemm inciz l-ismijiet rispettivi nkluz il-logo tal-Kunsill, li jigu printjati desk calendars u kartolini tal-Milied bil-firem tal-Kunsilliera fuqhom u dan sabiex jitqassmu f'kull dar fil-lokal, is-Sindku Joe Zammit qal fuq suggeriment tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, kien talab lit-tfal ta' l-iskola primarja Bice Mizzi Vassallo biex jaghmlu tpingija ta' kartolina tal-Milied u wara l-Kunsill jaghzel l-ahjar 3 jew 4 minnhom sabiex jintuzaw fil-kartolini. Rigward l-affarijiet l-ohra ntalbet kwotazzjoni ghal dak mitlub mill-Kunsill fejn is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova l-kwotazzjoni sottomessa mill-Kumpanija Golden Gate ghall-printing ta' kartolini u kalendarji.

2.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.09. B'riferenza ghall-Minuti 13/K6/2008 item 11.17 rigward il-kaxxi ta' ma' l-art li hemm fit-toroq ta' San Patrizju fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li dawn ghandhom jimtlew bir-ramel sabiex jitnehha l-periklu li hemm u fil-wicc isir ftit konkos. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill iqabbad lill-Kuntrattur J&K sabiex jaghmel dan ix-xoghol. Il-kelliem qal li l-Kunsillier Joe Brincat ghandu juri lill-kuntrattur fejn hemm bzonn.

2.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

2.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.12. Rigward ix-xiri ta' l-uniformijiet is-Sindku Joe Zammit qal li wara li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg flimkien ma' l-iskrivana Alison Micallef zaru l-kumpanija rrizulta li l-prezzijiet huma gholja wisq ghall-materjal offrut apparti l-fatt li ma jissuplixxux il-qisien kollha. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien mar ukoll ma' l-iskrivana ghand kumpanija ohra fejn irrizulta li l-qliezet taghhom m'humiex addattati ghall-iskrivani femminili minhabba l-'fitting' taghhom, kif ukoll minhabba t-tul. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kien avvacina lill-kumpanija Yorkie sabiex jipprovdu kwotazzjoni ghal disinn kif mixtieq mill-Kunsill.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borgipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 70/2008** b'rapport tal-laqghat li saret ma' l-anzjani fis-sala ta' l-iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo **(Ara dokument A); Internal Memo 71/2008** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 13/K6/2008 u 14/K6/2008 **(Ara dokument B); Internal Memo 72/2008** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 13/K6/2008 u 14/K6/2008 **(Ara dokument C) u** Rapport ta' Performance Appraisal ta' l-iskrivana Kirsty Rizzo ghax-xahar ta' Settembru **(Ara Appendici D).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati kif ukoll qal li nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru huwa kien attenda ghall-ewwel sezzjoni ta' tahrig ghall-Kunsillieri eletti f'Marzu 2008. Il-kelliem qal li hemm tlett sezzjonijiet ohra fil-gimghat li gejjien dejjem nhar ta' Tlieta.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

5.02. Fis-7.10 pm is-Sindku Joe Zammit talab sospenzjoni tal-laqgha sabiex il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' mas-Sur Denis A. Darmanin dwar il-proposta tieghu li jipproduci ghall-Kunsill ktieb dwar l-istorja militari f'Pembroke.

5.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

5.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

***5.05. Il-laqgha giet sospiza fis-7.10 pm.***

***5.06. Il-laqgha tkompliet fis-7.35 pm.***

***5.07. Fis-7.35 pm il-Kunsillier Lauro Fava skuza ruhu talli wasal tard.***

## 06. Korrispondenza.

**6.01.** Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-10 u t-22 ta' Ottubru 2008 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/4713/08/I** 10/10/2008 — Memo 31/2008 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar ir-rapport t'efficjenza tal-Kunsilli Lokali.

**6.02.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4713/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4716/08/I** 10/10/2008 — Ittra minghand l-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Mario de Marco jinforma lill-Kunsill li l-konferenza li kienet saret dwar il-progetti li ser jaghmel il-Gvern vis-à-vis it-turizmu, ma kienetx dwar il-Pembroke Garigue Heritage Park biss apparti l-fatt li huwa qal li ma kienx infurmat minhabba li ma kienx partecipi ghal kwalsiasi diskussjonijiet li seta' kellu l-Kunsill mal-predecessuri tieghu.

**6.03.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4716/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4728/08/I** 13/10/2008 Ittra minghand il-Kumitat Kongunt ta' l-LES jinforma lill-Kunsill li sehem il-Kunsill mill-LES ghall-perjodu April – Settembru 2008 huwa ta' € 7,687.

**6.04.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4728/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob il-permess tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex dawn il-flejjes ikunu jistghu jintuzaw sabiex jigi konkluz il-patt ta' hbiberija mal-belt ta' Anning China.

**6.05.** Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill fil-korrispondenza li l-Kunsill kien diga rcieva minghand id-Dipartiment rigward din it-talba.

**6.06.** Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda l-proposta tas-Sindku Joe Zammit.

**6.07.** Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra.

**6.08.** Il-mozzjoni giet approvata.

**46/4734/08/I** 13/10/2008 Kwotazzjoni minghand Aquilina Enterprises ghall-provvista ta' Liquid Soap ghall-prezz ta' € 9.78 ghal kull 10 litres.

**6.09.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4734/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinxtara dan il-prodott.

**6.10.** Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

**6.11.** Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4773/08/I** 14/10/2008 Memo 32/2008 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar facilita' lill-Kunsilli Lokali li javzaw l-attivitajiet bla hlas.

**6.12.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4773/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jiehu hsieb din il-materja u jiehu hsieb li juzha ghall-interess tal-Kunsill.

**6.13.** Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsilliera jekk kellhomx xi avvizi li xtaqu jwasslu minhabba l-fatt li sta ghall-Kunsill liema materjal jigi ppubblikat.

**46/4774/08/I** 14/10/2008 Stqarrija mid-DOI tinforma lill-pubbliku ngenerali li b'effett immedjat il-Kunsilli Lokali kollha ser jibdew jippubblikaw l-offerti taghhom nhar t'Erbgha fuq il-gurnal The Malta Independent.

**6.14.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4774/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4787/08/I** 15/10/2008 Ittra minghand Wise Owl Pubblications joffri lill-Kunsill l-kotba Malta at War, b'nofs prezz. ( Soft bound €27.99 each, Hard Bound 47.99 each )

**6.15.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4787/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinxtraw it-tieni u t-tielet volum hard bound.

**6.16.** Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

**6.17.** Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4795/08/I** 15/10/2008 Ittra minghand St. Joseph Home, Santa Venera jitolbu l-ghajnuna tal-

Kunsill sabiex grupp ta’ 18 il-tifel li jinsabu fl-istitut jigu mghejjuna jsifru ghal btala barra minn Malta.

**6.18.** B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4795/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk din l-ghaqda tinstab fit-tminn skeda jinghataw 100 Euro ghajnuna.

**6.19.** Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

**6.20.** Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4805/08/I** 15/10/2008 Ittra minghand l-AKL jinfurmaw lill-Kunsill li bejn it-3 u s-7 ta’ Dicembru ser jigu organizzati diversi attivitajiet vis-à-vis il-15 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

**6.21.** B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4805/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4807/08/I** 15/10/2008 Ittra minghand action! Magazine joffru lill-Kunsill li minghajr hlas jipprovdu pubblicita’ ghall-attivitajiet li ser jaghmel il-Kunsill fix-xhur li gejja.

**6.22.** B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4807/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jiehu hsieb ta’ din il-materja u jiehu hsieb li juzha ghall-interess tal-Kunsill.

**6.23.** Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsilliera jekk kellhomx xi avvizi li xtaqu jwasslu minhabba l-fatt li sta ghall-Kunsill liema materjal jigi ppubblikat.

**46/4809/08/I** 15/10/2008 Ittra minghand l-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo b’kalendarju t’attivitajiet li ser ikollhom ghall-istudenti u talbu l-ghajnuna tal-Kunsill ghal dawn l-attivitajiet.

**6.24.** B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4809/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinghataw 100 Euro bhala ghajnuna fuq principju ta’ edukazzjoni wiesa’.

**6.25.** Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

**6.26.** Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4810/08/I** 15/10/2008 Ittra minghand is-Sur James Davis jitlob laqgha mas-Sindku dwar il-possibilita’ li jkun hemm kuntatt bejn Sea Cadets minn Wales u dawk f’Malta.

**6.27.** B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4810/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikteb ittra lill-Kunsilli ta’ Pembroke u Pembroke Dock f’Wales, Roccalumera, Cetinje, Bergen u Bradford on Avon dwar il-possibilita’ li jkun hemm relazzjoni ma’ din l-ghaqda.

**6.28.** Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

**6.29.** Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4837/08/I** 16/10/2008 E-mail minghand il-GWU bil-proposti taghhom ghar-Riforma tal-Kunsilli Lokali.

**6.30.** B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4837/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4846/08/I** 16/10/2008 E-mail minghand il-MEPA fejn b'riferenza ghat-talba tas-Sur Fitzgerald dwar tnehhija ta' sigar minn fejn ic-cimiterju militari nfurmaw lill-Kunsill li

biex isir tali xoghol trid issir applikazzjoni l-MEPA.

**6.31.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4846/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk is-sigar huma tajba u jinstabu fil-konfini tal-Kunsill u qed jaghmlu xi hsara lill-hajt tac-cimiterju, allura l-Kunsill ghandu jaghmel it-talba kif suppost.

**6.32.** Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

**6.33.** Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4853/08/I** 17/10/2008 Ittra minghand Pembroke Dock Town Council fejn baghtu bandiera ta' Pembroke Dock u nfurmaw lill-Kunsill li hemm il-possibilita' li ssir zjara ufficjali f'Pembroke Malta minn Pembroke Town u Pembroke Dock ghal gimgha f'Mejju 2009.

**6.34.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4853/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4860/08/I** 17/10/2008 E-mail minghand il-Kunsill ta' Roccalumera fejn b'riferenza ghall-ahhar e-mail li baghtu rigward iz-zjara ta' studenti minn Roccalumera staqsiet jekk il-Kunsill ghandux xi twegiba u talbu nibghatu dettalji ta' l-iskola Sir Adrian Dingli sabiex ikunu jistghu jikkuntatjawhom kif ukoll talbu konferma jekk il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat hiex disponibbli li tmur fl-iskejjel taghmel lezzjonijiet ta' l-ingliz lill-istudenti.

**6.35.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4860/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li huwa kien informa lil Magister Academy biex jikkontatjaw direttament lil Roccalumera u jikkupjaw lill-Kunsill kif ukoll li l-Kunsill kien baghat l-informazzjoni lil Roccalumera tal-persuna responsabbli ta' l-iskola sekondarja. Rigward il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat is-Sindku Joe Zammit qal li Roccalumera gew mitluba sabiex jikkontatjaw direttament maghha.

**46/4875/08/I** 17/10/2008 E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn baghat lista ta' zviluppi li saru bejn l-AKL u l-kumpanija Faces Displays Ltd. dwar l-installazzjoni ta' bus shelters.

**6.36.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4875/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex issa li sar dan il-ftehim minghajr aktar dewmien, Faces Display Limited, jinstallaw l-istage li nqala' minn Triq il-Mediterran u jehel Triq Gabriel Henin. Il-kelliem talab li l-Kunsill m'ghandux jittollera aktar dewmien fid-dawl li l-iskola bdiet u t-tfal qed ikollhom joqghodu fil-berah. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jinforma lill-Avukat dwar x'passi jista' jiehu l-Kunsill minhabba dan in-nuqqas ta' Faces fejn qal li wara kollox l-istage nqala' minn Pembroke u l-Kunsill offra post iehor fejn jehel.

**6.37.** Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li skond l-AKL dawn l-installazzjonijiet ser jibdew f'Dicembru 2008.

**46/4891/08/I** 20/10/2008 Ittra tas-Sur Pawlu Aquilina ppubblikata fil-harga tad-19 ta' Ottubru tal-Mument bhala twegiba ghall-ittra precedenti tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**6.38.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4891/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**6.39.** Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien ser iwiegeb ghal dan l-artiklu.

**46/4892/08/I** 20/10/2008 Ittra minghand il-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent jitolbu lill-Kunsill sabiex inehhi palm infettat mill-Bumunqaru.

**6.40.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4892/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li jidher li l-isforzi tal-Kunsill biex isalva l-palm ma tawx dak mixtieq. Ghalhekk il-kelliem qal li dawk il-palmi ndikati mid-dipartiment ghandhom jigu maqlugha u mehuda fejn indikat mid-dipartiment. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob kwotazzjoni ghal dan ix-xoghol.

**6.41.** Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa kien ikkomunika mas-Sur Anthony Muscat fi hdan is-Surveillance & Inspectorate Unit tad-Divizjoni ta' l-Affarijiet Rurali u l-Agenzija tal-Pagamenti fejn infurmah li l-Kunsill diga kien f'kuntatt mas-sezzjoni PARK fejn wara spezzjoni li saret gie deciz li jinqalghu dawn il-palm, liema xoghol skond il-PARK jinsab fi skeda izda ser jiehu fit-tul. Il-kelliem ghalhekk irrakkomanda li l-Kunsill m'ghandux ghalfejn jigbor kwotazzjonijiet minhabba li s-sezzjoni PARK qed titlob hlas minimu ta' madwar €50.00 ghall-qlugh ta' kull palma.

**6.42.** Il-Kunsilliera prezenti qablu unanimament ma dan il-parir.

**46/4893/08/I** 20/10/2008 Ittra minghand il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment jinforma lill-Kunsill li t-talba tal-Kunsill ghall-fondi mill-fond tan-National Lotteries Good Cause Fund ma gietx milqugha.

**6.43.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4893/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/4897/08/I** 20/10/2008 Ittra minghand is-Sur Adrian E. Camilleri jilmenta minn hmieg li hemm wara l-bus shelter ta' Triq Sant' Andrija kif ukoll irrakkkomanda li jsiru litter bins tul it-triq li mit-traffic lights taghti ghall-ITS.

**6.44.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4897/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-kuntrattur jigi nfurmat b'dan kif ukoll li jekk m'hemm'x litter bins il-Kunsill ghandu jinforma lill-Kunsill tas-Swieqi li maghhom taghmel din il-parti.

**6.45.** Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kuntrattur kien diga gie nfurmat u ntalab inaddaf is-sit. Il-kelliem informa lill-Kunsill ukoll li s-sit u parti mit-triq li qed issir riferenza ghaliha huma fil-konfini tal-Kunsill Lokali Pembroke. L-unika parti li taghmel mal-konfini tal-Kunsill Lokali Swieqi hija l-bankina ta' Triq Sant' Andrija, ghalkemm dan huwa dibattibbli.

**6.46.** Is-Sindku Joe Zammit emenda l-proposta tieghu fis-sens li l-Kunsill mhux lest li jwahhal litter bins fit-triq li mit-traffic lights taghti ghall-ITS u dan minhabba l-fatt li partijiet sostanzjali minn din it-triq jinsabu fil-konfini tal-Kunsill Lokali San Giljan.

**6.47.** Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li l-Kunsill ghandu jitlob lill-Cleansing Department sabiex inehhi materjal li gie depozitat fuq il-genb tal-wied, liema materjal ilu li kellu jitnehha sa minn xhur ilu.

**6.48.** Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4898/08/I** 20/10/2008 Kwotazzjoni minghand Aquilina Enterprises ghall-provvista ta' Liquid Soap Dispenser ghall-prezz ta' € 18.00 il-wiehed.

**6.49.** B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/4898/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jinxtraw tnejn sabiex jitpoġġew fit-toilets tal-Kunsill.

**6.50.** Il-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

**6.51.** Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4899/08/I** 20/10/2008 Stedina mingħand il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni għall-ftuħ ta' Community Technology Learing Centre li ser isir fil-bini ta' l-Malta Institute of Management f'Pembroke.

**6.52.** B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/4899/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li ser jattendi għal dan il-ftuħ.

**46/4902/08/I** 20/10/2008 Rapport mingħand il-GDL Trading & Services Limited dwar spezzjoni li kienu għamlu fil-bajja ta' Pembroke dwar il-kontroll tal-grieden.

**6.53.** B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/4902/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem irrifera għall-attivita' indikattiva li kienu għamlu dawn is-sinjuri fejn kienu preżenti huwa u l-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli fejn irriżulta li hemm problema ta' infestazzjoni fiż-żona. Għal dan il-għan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob aktar informazzjoni mingħand dawn is-sinjuri dwar kemm jiswa l-prodott tagħhom biex il-Kunsill ikun jista' jipprepara għax-xhur tas-Sajf b'ħarsien lejn is-saħħa tar-residenti tal-lokal.

**6.54.** Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

**6.55.** Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4904/08/I** 20/10/2008 Ittra mingħand il-MEUSAC jistiednu lir-rappreżentant tal-Kunsill sabiex jattendi għall-laqgħa li ser issir dwar l-Europe for the Citizens Programme, liema laqgħa ser isir nhar id-29 ta' Ottubru 2008.

**6.56.** B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/4904/08/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet għall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li huwa kien ser jattendi għal din il-laqgħa.

**46/4907/08/I** 20/10/2008 Kwotazzjoni mingħand is-Sur Mario Mallia għall-provvista ta' road marking paint.

**6.57.** B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/4907/08/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk dan il-prodott huwa aħjar minn dak li qed jixtri bħalissa l-Kunsill, il-Kunsill għandu jibda jixtri din iż-żebgħa. Il-kelliem irrakkomanda li qabel għandha ssir prova ta' din iż-żebgħa ħalli l-Kunsill jara liema hija l-aħjar. Il-kelliem ippropona ukoll li kemm il-darba ż-żebgħa ma tkunx aħjar, il-Kunsill għandu jibqa' jixtri ż-żebgħa mingħand il-kumpanija MAC MED Limited.

**6.58.** Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

**6.59.** Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Konġunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kellux kummenti għajr il-laqgħa tal-NHDJC tħassret minħabba li ċ-Chairman kien indispost.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-attivitajiet tal-zmien il-Milied ghandhom jigu diskussa fil-laqgha li jmiss. Il-kelliem qal li fil-jiem li gejja ser jiltaqa' mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli sabiex jiddiskutu l-programm u wara jigi ccirkolat lill-membri tal-Kunsill qabel il-laqgha li jmiss.

## 09. Approvazzjoni tal-kontijiet.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument E u F)**

9.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif pprezentati ghajr tad-dawl ta' Sit B San Gorg.

9.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Materji ohra.

10.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li rigward l-ilment tal-wires tad-dawl tad-djar ta' Triq Medjez il-foreman ta' l-Enemalta kien infurmah verbalment li sabiex jiccaqilqu l-linji tad-dawl hemm bzonn li jsiru poles u linji godda fuq il-bankina u eventwalment kull inkwilin ikollu johrog is-servizz tal-meter hdejn il-parapett u wara ghas-spejjez ta' l-inkwilin jaghmel trinka sa fejn ghandu s-servizz prezentament apparti l-fatt li l-inkwilin ikollu bzonn japplika formalment ma' l-Enemalta ghal caqlieq tal-meter u jhallas il-mizata dovuta.

10.02. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lic-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta li dan mhux accettabbli ghar-residenti u ma jarax ghalfejn ghandhom ikunu r-residenti li jidhlu fi spejjez meta l-periklu gej minn xoghol tal-Korporazzjoni. Il-kelliem ippropona li kopja ta' l-ittra ghandha tintbaghat ukoll lir-residenti koncernati.

10.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.05. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-laqghat tal-Kunsill sa l-ahhar tas-sena 2008 ghandhom isiru nhar is-6 u l-20 ta' Novembru u nhar l-4 u 18 ta' Dicembru 2008 sakemm ma jkunx hemm xi urgenza.

10.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.08. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ssir tabella ta' twissija fejn il-Madonna u dan wara rapporti li tfal ta' l-iskola qed jaghmlu burdell u jhallu hmieg waqt li jkunu qed jistennew il-coach ta' l-iskola. Il-kelliem qal li din it-talba qed issir f'isem ir-residenti fejn talbu biex issir din it-tabella halli jkunu konxji minn dak li qed jaghmlu.

10.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.11. Is-Sindku Joe Zammit qal li z-zewg residenti ta' Blokk 4 San Gorg flimkien ma' nies ohra, naddfu il-post ta' faccata tal-Bring In Site ta' Triq il-Mediterran fejn irabbu l-

qtates. Il-kelliem qal li bosta minn dawn il-qtates kienu gew imsewwija ghas-spejjez ta' dawn in-nies. Il-kelliem qal ukoll li l-imbarazz li kien hemm gabruh fi xkejjer kbar taz-zrar li kienu gentilment moghtija mill-kuntrattur u baqa' biss biex jitnehhew minn hemm u ghalhekk ippropona li jitqabbad il-kuntrattur biex inehhi dawn l-ixkejjer.

10.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.14. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li nhar il-Hamis li ghadda kien hemm problema bil-katusa tad-dranagg ta' Blokk 3 Triq Bice Mizzi Vassallo fejn il-Kunsill kien approva l'issir katusa taht il-konkos biex jitnehha l-inkonvenjent ta' riha meta jinzamm l-ilma. Il-kelliem qal li din issa mhiex ser issir wara li sar intervent fil-bankina u parir tal-Perit tal-Kunsill biex l-ilma tax-xita ma jzommx max-xifer li kien hemm billi saret katusa li qasmet taht il-bankina.

10.15. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill jekk huwiex ser jintuza s-servizz ta' Novitas bhas-sena li ghaddiet sabiet tinghata t-tilqima ta' kontra l-influwenza.

10.16. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel uzu mis-servizzi tal-kumpanija Novitas sabiex jipprovdu nurse.

10.17. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.19. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli staqsa jekk kienx inbeda x-xoghol fuq ir-railing tat-turgien ta' San Patrizju.

10.20. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-haddiem ta' l-IPSL kien indispost u rega' beda xoghol fil-jiem li ghaddew. Il-kelliem qal li x-xoghol ghandu jinbeda fil-jiem li gejjien suggett li l-Kunsilliera ma jitolbux xoghol iehor aktar urgenti.

10.21. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japplika sabiex tehel lampa tad-dawl gdida fuq dar numru 58 fi Triq Patri Indri Vella.

10.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.24. Il-laqgha ntemmet fit-8.30pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar il-Hamis 6 ta' Novembru 2008 fis-7.00 pm.

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**